C/2023/472

27.10.2023

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni tal-approvazzjoni ta' emenda standard għal Speċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(C/2023/472)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata f'konformità mal-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 ([1]).

KOMUNIKAZZJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' EMENDA STANDARD

"Rosso Orvietano / Orvietano Rosso"

PDO-IT-A0847-AM02

Data tal-komunikazzjoni: 4.8.2023

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U RAĠUNIJIET GĦALIHA

Użu tal-isem taż-żona ġeografika usa' "UMBRIA"

Deskrizzjoni: it-tikkettar jippermetti l-użu tal-isem ġeografiku usa' "Umbria", li jrid isegwi d-denominazzjoni Rosso Orvietano/Orvietano Rosso u jidher taħt it-terminu tradizzjonali speċifiku (Denominazione di origine controllata) jew l-espressjoni tal-UE (Denominazione di origine protetta), kif ġej:

Rosso Orvietano jew Orvietano Rosso

Denominazione di origine controllata

jew Denominazione di origine protetta

(jew l-akronimu DOC)

Umbria

L-ittri tal-isem Umbria għandhom ikunu daqs jew iżgħar mid-daqs tal-ittri li jiffurmaw l-isem Rosso Orvietano/Orvietano Rosso u jrid ikollhom l-istess tipa (tip ta' ittri), stil, spazjar, prominenza, kulur u intensità kolorimetrika.

Deskrizzjoni: il-proġett tal-Consorzio Tutela Vini biex jingħaqad mal-inklużjoni tat-terminu ġeografiku usa' "UMBRIA" jirriżulta mill-ħtieġa li jiġi identifikat b'mod preċiż jekk territorju, storja u sbuħija jappartjenux u humiex rikonoxxibbli. Id-DOP Rosso Orvietano/Orvietano Rosso għandha l-identità tagħha stess, u fuq kollox il-valur intrinsiku tagħha li jrid jiġi żvelat. Il-kompitu tal-inklużjoni tat-terminu ġeografiku usa' "UMBRIA" fuq it-tikketta huwa għalhekk li jiżvela dak il-valur moħbi u li jagħmlu viżibbli għall-konsumatur.

L-emenda tikkonċerna l-Artikolu 7 tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott u t-taqsima "Rekwiżiti oħra applikabbli — Rekwiżiti speċifiċi tat-tikkettar" tad-Dokument Uniku.

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni**

   Rosso Orvietano

   Orvietano Rosso

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

   DOP — Denominazzjoni ta' oriġini protetta

([1]) ĠU L 9, 11.1.2019, p. 2.

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

1. Inbid

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

1. *Inbid aħmar, inkluż bl-ispeċifikazzjoni tal-varjetà ta' dwieli*

DESKRIZZJONI QASIRA

Dehra viżiva: aħmar lewn ir-rubin intens bi ħjiel ta' vjola jew li jxaqleb lejn il-granata mat-tqaddim għal ċerti tipi monovarjetali. Riħa: intensa, ta' dwieli u karatteristika, aromatika għall-Aleatico u delikata għall-Canaiolo u għaċ-Ciliegiolo. L-inbejjed huma bbażati fuq għeneb tal-varjetajiet Aleatico, Cabernet Franc, Cabernet Sauvignon, Canaiolo R., Ciliegiolo, Merlot, Montepulciano, Pinot Nero u Sangiovese, li jitjiebu skont il-varjetà ta' dwieli, fi nbejjed rotob u eleganti, xi drabi bellusija b'togħma karatteristika li tibqa' fil-ħalq, robusti u armonjużi. Qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,50 % vol. Estratt minimu mingħajr zokkor:18 g/l.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	4 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

2. *Rosso Orvietano jew Orvietano Rosso Canaiolo*

DESKRIZZJONI QASIRA

qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,50 % tal-volum;

aċidità totali minima: 4,0 g/l;

estratt minimu mingħajr zokkor: 18,0 g/l; dehra viżiva: aħmar lewn ir-rubini li jxaqleb lejn lewn il-granata mat-tqaddim;

riħa: delikata, karatteristika;

togħma: bellusija b'riħa tfuħ tipika.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

3. *Rosso Orvietano jew Orvietano Rosso Ciliegiolo*

DESKRIZZJONI QASIRA

qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,50 % tal-volum;

aċidità totali minima: 4,0 g/l;

estratt minimu mingħajr zokkor: 18,0 g/l; dehra viżiva: aħmar lewn ir-rubin intens;

riħa: ta' dwieli, delikata;

togħma: ta' frott, b'togħma karatteristika li tibqa' fil-ħalq.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

4. *Rosso Orvietano jew Orvietano Rosso Pinot nero*

DESKRIZZJONI QASIRA

qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,50 % tal-volum;

aċidità totali minima: 4,0 g/l;

estratt minimu mingħajr zokkor: 18,0 g/l; dehra viżiva: aħmar lewn ir-rubini li jxaqleb lejn lewn il-granata mat-tqaddim;

riħa: intensa, dejjiema, karatteristika;

togħma: xotta, robusta, karatteristika, armonjuża.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

5. *Rosso Orvietano jew Orvietano Rosso Cabernet franc jew Cabernet sauvignon*

DESKRIZZJONI QASIRA

qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,50 % tal-volum;

aċidità totali minima: 4,0 g/l;

estratt minimu mingħajr zokkor: 18,0 g/l; dehra viżiva: aħmar lewn ir-rubin intens bi ħjiel ta' vjola ħfief li jxaqilbu lejn lewn il-granata mat-tqaddim; riħa: intensa, dejjiema, karatteristika;

togħma: xotta, b'togħma karatteristika li tibqa' fil-ħalq, kemxejn erbaċja.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

6. *Rosso Orvietano jew Orvietano Rosso Merlot*

DESKRIZZJONI QASIRA

qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,50 % tal-volum;

aċidità totali minima: 4,0 g/l;

estratt minimu mingħajr zokkor: 18,0 g/l; dehra viżiva: aħmar lewn ir-rubin bi ħjiel ta' vjola, li xi drabi jxaqleb lejn aħmar lewn il-briks mat-tqaddim; riħa: ta' dwieli, pjaċevoli;

togħma: sħiħa, ratba, armonjuża.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

7. *Rosso Orvietano jew Orvietano Rosso Sangiovese*

DESKRIZZJONI QASIRA

qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,50 % tal-volum;

aċidità totali minima: 4,5 g/l;

estratt minimu mingħajr zokkor: 18,0 g/l; dehra viżiva: aħmar lewn ir-rubini li jxaqleb lejn lewn il-granata mat-tqaddim;

riħa: ta' dwieli, karatteristika;

togħma: xotta, armonjuża, pjaċevolment tannika meta l-inbid ma jkunx imqaddem, pjaċevolment morra, b'togħma ta' frott u karatteristika.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

8. *Rosso Orvietano jew Orvietano Rosso Aleatico*

DESKRIZZJONI QASIRA

qawwa alkoħolika totali minima skont il-volum: 11,50 %, inkluża qawwa alkoħolika proprja ta' mill-inqas 9,50 %;

aċidità totali minima: 4,0 g/l;

estratt minimu mingħajr zokkor: 18,0 g/l; dehra viżiva: aħmar lewn il-granata bi ħjiel ta' vjola;

riħa: aromatika fina, karatteristika;

togħma: tipika, ratba, bellusija, xi drabi ħelwa mezzana jew ħelwa.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum)	
Aċidità totali minima	f'milliekwivalenti għal kull litru
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

5.1. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi*

—

5.2. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

1. *Rosso Orvietano jew Orvietano Rosso inkluż b'indikazzjoni tal-varjetà tad-dielja*

10 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

Iż-żona tal-produzzjoni tal-għeneb adattata għall-produzzjoni tal-inbejjed bid-DOP Rosso Orvietano jew Orvietano Rosso tinsab fil-provinċja ta' Terni u tinkludi l-art adattata għall-kwalità fit-territorju amministrattiv kollu tal-muniċipalitajiet ta' Allerona, Alviano, Baschi, Castel Giorgio, Castel Viscardo, Fabro, Ficulle, Guardea, Montecchio, Montegabbione, Monteleone d'Orvieto, Orvieto, Porano u S. Venanzo.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid / jinkisbu l-inbejjed**

Aleatico N.

Canaiolo nero N. — Canaiolo

Ciliegiolo N. — Morettone

Merlot N.

Montepulciano N.

Pinot nero N. — Pinot

Sangiovese N. — Sangioveto

8. **Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet**

Inbid aħmar Rosso Orvietano jew Orvietano Rosso DOP, inkluż b'indikazzjoni tal-varjetà tad-dielja

Iż-żona tinsab f'ambjent bl-għoljiet lejn il-Lbiċ tal-Umbria; huwa maħsub li ċ-ċiviltà Etruska ndunat li l-formazzjoni partikolari tal-ġebla tat-tufu kienet tiffavorixxi l-ipproċessar u l-preservazzjoni tal-inbid. F'din iż-żona jiġu prodotti biss inbejjed ħomor u b'indikazzjoni tal-isem tal-varjetajiet tad-dwieli Aleatico, Cabernet Franc, Cabernet Sauvignon, Canaiolo, Ciliegiolo, Merlot, Pinot Nero u Sangiovese, li għandhom karatteristiċi speċifiċi li jiddistingwuhom b'mod ċar u jippermettulhom li jiġu traċċati lura għall-ambjent ġeografiku tagħhom. It-tekniki tat-tkabbir u l-livell għoli ta' professjonalità tal-operaturi kkontribwew biex tissaħħaħ l-immaġni tal-inbejjed ta' Orvieto madwar id-dinja.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli (ippakkjar, tikkettar, rekwiżiti addizzjonali)**

Użu tal-isem taż-żona ġeografika usa' "UMBRIA"

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni tal-UE

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali tat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

L-isem ġeografiku usa' "Umbria" jista' jintuża fuq it-tikkettar u l-preżentazzjoni tal-inbejjed tad-DOP Rosso Orvietano/Orvietano Rosso. L-isem ġeografiku usa' "Umbria" jrid isegwi d-denominazzjoni Rosso Orvietano jew Orvietano Rosso u jrid jidher taħt it-terminu speċifiku tradizzjonali (Denominazione di origine controllata) jew l-espressjoni tal-UE (Denominazione di origine protetta), kif ġej:

Rosso Orvietano jew Orvietano Rosso

denominazione di origine controllata

jew denominazione di origine protetta

(jew l-akronimu DOC)

Umbria

L-ittri tal-isem Umbria għandhom ikunu daqs jew iżgħar mid-daqs tal-ittri li jiffurmaw l-isem Rosso Orvietano u jrid ikollhom l-istess tipa (tip ta' ittri), stil, spazjar, prominenza, kulur u intensità kolorimetrika.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.politicheagricole.it/flex/cm/pages/ServeBLOB.php/L/IT/IDPagina/19815